MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 274/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**William Gatt**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra William Gatt talli fit-8 ta' Novembru 2003 ghall-habta ta' nofs inhar u fi granet ohra qabel din id-data f'***omissis*** u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

(a) b'eghmil zieni kkorrompa lil ***omissis***, minuri ta' 9 snin;

(b) bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li

jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess minuri ***omissis***, kontra l-volonta` tieghu u dan bhala mezz biex hu jigi mgieghel jaghmel xi haga, jew joqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess tieghu;

(c) ikkommeta attentat vjolent ghall-pudur fuq l-istess minuri o***missis***;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Gunju 2011, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi William Gatt hati tat-tielet imputazzjoni li tipprospetta d-delitt taht l-artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minnha lliberatu, izda sabitu hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni b'dan li kwantu ghad-delitt taht l-artikoli 86 u 87(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u, wara li rat l-artikoli 203, 86 u 87(g) u 17(h) tal-Kap. 9, ikkundannat lill-istess William Gatt ghal perjodu ta' erba' snin prigunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' William Gatt ipprezentat fl-20 ta' Gunju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata fis-sens illi fl-ewwel lok tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u fit-tieni lok, kwantu ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha u dan billi tilliberah minn kull piena u imputazzjoni;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li n-numru tal-karta ta' l-identita` tieghu fl-akkuza gie korrett bl-inka minghajr ma ntalbet awtorizzazzjoni tal-Qorti, b'dan li rrenda l-istess akkuza difettuza u ghalhekk l-imputat ma setax jigi identifikat kif imiss; (2) li t-tieni imputazzjoni ma gietx pruvata kif imiss; il-provi huma konfliggenti; (3) li l-ewwel Qorti strahet hafna fuq il-fatt li t-tifel iddeskriva l-oggetti li kien hemm gewwa l-garaxx, kif korroborat mill-ufficjali tal-Pulizija; il-fatt li t-tifel ftakar x'kien il-kontenut tal-garaxx ma jfissirx illi l-atti allegati

sehhew fil-verita`; (4) li fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 2011 intalab l-isfilz ta’ l-istqarrija tieghu u s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza minhabba l-insenjament f’sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, peress li issa gie stabbilit li n-nuqqas ta’ prezenza ta’ avukat waqt li ttiehdet l-istqarrija huwa leziv ta’ l-artikolu 39(6)(3)(c) tal-Kostituzzjoni u ta’ l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, izda l-ewwel Qorti cahdet din it-talba. Din ic-cahda tippregudikah fid-difiza tieghu.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju, jirrizulta illi fl-akkuza a fol. 1 tal-process, l-ahhar zewg numri (“4” u “7”) tan-numru tal-karta ta’ l-identita` huma ndikati bl-inka. In-numru “4” jidher li qieghed jikkorreggi n-numru li kien dattilografat, u cioe` n-numru “2”. Filwaqt illi n-numru “7” jidher biss li huwa “overwriting” ta’ l-istess numru “7”. A fol. 3 hemm ir-raba’ numru (“4”) miktub bl-inka u hawn ukoll jidher li qieghed jikkorregi n-numru “2” dattilografat. M’hemm l-ebda indikazzjoni meta saru dawn il-korrezzjonijiet u minn min. Wisq probabbli saru mill-ufficjal prosekutur qabel il-prezentata. Certament jekk inhuwa hekk, l-ufficjal prosekutur kellu almenu jinizjala l-korrezzjonijiet li ghamel hu. Mill-atti ma jirrizultax li saru mill-Qorti wara xi talba appozita. Il-kwistjoni mqajma mill-appellant, pero`, tirrigwarda l-identifikazzjoni tieghu. Jghid illi l-mod kif saret il-korrezzjoni jrendi l-akkuza difettuza ghax l-appellant ma setax jigi identifikat kif imiss. Hawn l-appellant m’ghandux ragun. L-ewwelnett il-partikolaritajiet kollha moghtija mill-appellant waqt l-ezami skond l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali (a fol. 4) jirriflettu l-partikolaritajiet moghtija fl-istess akkuza – ismu u kunjomu, l-eta` tieghu, l-indirizz fejn joqghod, isem missieru u jek hux haj jew mejjet. Imbaghad, l-istqarrija lill-Pulizija, l-estratt mill-att tat-twelid u l-fedina penali kollha jirreferu ghall-istess persuna bl-istess konnotati. Jinghad inoltre li din il-kawza bdiet tinstema’ quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u bin-nota tieghu tal-21 ta’ Gunju 2004 l-Avukat Generali baghat l-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali biex il-kaz jigi deciz minn dik il-Qorti. Fl-istess nota l-Avukat Generali ndika l-artikoli tal-Kodici Kriminali li tahthom

dehrlu li setghet tinsab htija. Issa, meta r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-artikolu 370, in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta’ l-att ta’ akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju skond l-artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista’ jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz ta’ l-att ta’ akkuza, jekk fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta’ reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta’ l-akkuzat (art. 370(3)(c)), tista’ ssibu hati ta’ tentattiv ta’ dak ir-reat, jew ta’ reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f’dak ir-reat, jew bhala komplici f’dak ir-reat. Fil-kaz in ezami, l-artikoli li ndika l-Avukat Generali jirriflettu l-imputazzjonijiet originali kontra l-appellant. Li zied huwa l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali li ghandu jitqies bhala beneficcju ghal min ikun imputat jew akkuzat. Naturalment l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz (f’dan il-kaz id-data jew zmien meta sehhew l-allegati reati, u l-isem tal-vittma). L-appellant, li ta l-kunsens tieghu biex il-kawza tigi mismugha u deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, iddefenda ruhu proprju kontra dawk ir-reati li l-Avukat Generali ddikjara li fil-fehma tieghu setghet tinsab htija, u fl-ebda mument ma tqajmet xi diffikulta` dwar l-identita` tieghu. Kwindi l-ewwel aggravju huwa michud.

7. Permezz tar-raba’ aggravju, l-appellant jghid li l-fatt li l-ewwel Qorti cahdet it-talba ghall-isfilz ta’ l-istqarrija tieghu ppregudikat id-difiza tieghu. Issa, m’hemmx dubju li meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni ma kienx jezisti d-dritt ta’ assistenza legali meta persuna tkun se tirrilaxxja stqarija lill-Pulizija. Waqt it-trattazzjoni orali gie sottomess illi din il-Qorti kellha ssegwi dak li gie deciz recentement mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** fis-sentenza moghtija fl-10 ta’ Ottubru 2011 fis-sens illi stqarrija hekk mehuda ghandha tigi sfilzata. Minbarra li dik is-sentenza giet appellata, il-pozizzjoni

odjerna hi differenti. F'dik il-kawza hemm guri li qieghed jistenna biex jigi ccelebrat filwaqt illi f'dan il-kaz diga` nghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li giet appellata – l-appell odjern. Imbaghad huwa proprju minhabba li l-pozizzjoni kienet diga` ben stabbilita fi-sentenzi citati mill-appellant stess li l-ewwel Qorti kellha ragun ma tordnax l-isfilz ta' l-istqarrija u mhuwiex lanqas se jigi ordnat l-isfilz taghha minn din il-Qorti. Konsegwentement anke ir-raba' aggravju huwa michud.

**8.** It-tieni u t-tielet aggravji jirrigwardaw l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi. It-tieni aggravju jirrigwarda s-sebien ta' htija dwar it-tieni imputazzjoni, dik ta' sekwestru tal-persuna. L-appellant jghid li l-provi f'dar-rigward huma "altament konfliggenti". Skond l-appellant, it-tifel jghid li l-appellant sejjahlu u t-tifel dahal minn jeddu gewwa l-garaxx. Fl-ebda hin ma kien hemm l-ebda sekwestru jew zamma tat-tifel kontra r-rieda tieghu. "Tant hu minnu dan", jghid l-appellant, "illi l-bieb tal-garage, fi kliem it-tifel stess, kien imbexxaq, u mhux maghluq jew imsakkar. F'kull hin, it-tifel seta' qabad u hareg minn gol-garage minghajr problema. Dan kollu huwa korroborat ukoll mix-xiehda ta' omm it-tifel, ***omissis***; waqt il-kawza intqal xi kliem fis-sens illi t-tifel kien talab lill-esponent 25c sabiex jixtri Coca. Omm it-tifel fil-fatt qalet illi x'aktarx it-tifel dakinhar ma kellux flus fuqu. Kien proprju x'hin l-esponent ma tahx dawn il-flus illi t-tifel qabad u telaq. Il-punt jibqa' illi t-tifel fl-ebda hin ma kien mizmum, jew arrestat."

**9.** Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jghid illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti strahet hafna fuq il-fatt illi t-tifel iddeskriva l-oggetti li kien hemm gewwa l-garaxx, u dan kif korroborat mill-ufficjali tal-Pulizija. "Bhal donnha tat x'tifhem", jghid l-appellant, "illi ghaliex it-tifel jiftakar kif kien il-garage u l-kontenut ta' go fih, bilfors dan ghandu jimplika li twettqu l-atti allegati – li m'ghandux ikun il-kaz. Il-fatt li t-tifel ftakar x'kien il-kontenut tal-garage ma jfissirx illi l-atti allegati sehhew fil-verita`."

**10.** Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda kollha li nghatat quddiem l-ewwel Qorti. L-appellant ma xehedx u ghalhekk il-provi huma dawk li jirrizultaw mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u dawk li jirrizultaw mill-ufficjal tal-*probation* Antonella Spagnol u l-psikologu Kevin Sammut Henwood, wara li l-Avukat Dott. Toni Abela – fl-istadju tad-difiza – ghall-appellant (allura imputat) kien talab li jsir *social inquiry report*.

**11.** ***Omissis*** xehed illi huwa kellu disa’ snin meta sehh dan il-kaz. Fl-ahhar tax-xiehda tieghu huwa identifika lill-appellant bhala l-persuna li ghaliha rrefera fix-xiehda tieghu. Ghalhekk din il-Qorti sejra tirreferi ghal din il-persuna bhala l-appellant. Qal li kien gej minn lezzjoni tad-drama f’12.00 p.m. sejjer lejn id-dar meta waqqfu l-appellant li saqsieh ghandux gharusa, qallu biex jurieh il-garaxx tieghu, dahhlu fil-garaxx u bexxaq il-bieb “u qalli biex ma jarana hadd”. Fil-garaxx kien hemm stampa ta’ ragel, stampa tal-Madonna, zewg karozzi – wahda silver Punto u ohra hamra – garar ta’ l-inbid fuq l-ixkafef, *football* qisu tal-plastik fuq l-ixkaffa ta’ taht, kaxxa tat-*toys*. X’hin kienu gewwa, l-appellant saqsieh jekk ghandux il-parti privata tieghu kbir jew zghir u hu ma wegbux. Imbaghad l-appellant qallu biex inizzel il-qalziet u mbaghad il-qalziet ta’ taht ukoll sa nofs irkobbtu. Imbaghad l-appellant dahhal il-parti privata tax-xhud f’halqu. Ix-xhud qal li l-qalziet ta’ fuq u ta’ taht nizzilhom ghax beda jibza’. Wara li l-appellant ghamel il-parti privata tax-xhud f’halqu, ix-xhud tella’ l-qalziet u l-appellant hareg il-parti privata tieghu u “beda jifthu u jaghlqu”. Fil-garaxx ma jafx kemm dam imma forsi dam xi ghaxar minuti bejn wiehed u iehor. Mistoqsi kif hareg, ix-xhud qal li lill-appellant qallu li kellu l-*football* u l-appellant qallu: “U hallik mill-*football*.” Kien sa jtieh *shower* imma x-xhud qallu “hadt il-banju, ghalaqtlu l-bieb u hrigt nigri ‘l barra.” Huwa gera kemm felah biex jghid lil ommu li cemplet lill-Pulizija li gew f’qasir zmien u arrestawh. Lill-Pulizija qallhom x’kien gara. Fuq l-appellant xammlu riha ta’ xorb meta biesu fuq rasu u fuq hugbejh. Meta kienu gewwa l-appellant qallu biex ma jghid lil hadd u biex jaghmel *promise* biex ma jghid lil hadd. “Ghidtlu *promise* imma ksirtu.” Ma hassx li kellu jzomm il-*promise*, tant li mill-ewwel qal lil ommu.

**12. *Omissis*,** omm il-minuri xehdet li fil-gurnata in kwistjoni nnutat li t-tifel kien ittardja mil-lezzjoni u kienu ghall-habta tan-nofs siegha neqsin hamsa li wasal id-dar. Kif tela' fuq qallha li kien hemm ragel li dahhlu go garaxx, nizzillu l-qalziet u beda jbaghbaslu l-partijiet privati tieghu. Li dan ir-ragel kien gibdu minn idejh ghal gol-garaxx. Saqsietu jekk kienx jafu lil dar-ragel u hu wegibha li ma kienx jafu. Hija cemplet lill-Pulizija, gew zewg ufficjali u kellmu lit-tifel. Hargu lkoll flimkien, u kif daru l-kantuniera kien hemm l-appellant bilqieghda fuq l-ghatba u t-tifel taghha "mill-ewwel qal dak hu u ndika wkoll il-garaxx." It-tifel taghha qallha wkoll illi wara li l-appellant kien redaghlu l-partijiet tieghu, l-appellant beda jimmasturba ruhu u ried idahhlu fix-*shower* u staqsieh biex jerga' jerdaghlu l-partijiet tieghu, pero` t-tifel ma riedx u beda jghidlu li ried imur ghall-*football*. It-tifel qal li kien eskluz li johrog ghax l-appellant kien qieghed jimblokkalu l-passagg. It-tifel qallha li fil-garaxx kien hemm zewg karozzi, wahda silver u wahda hamra, xi xkaffar mal-hajt b'garar fuqhom, ballun u max-*shower* kien hemm *geyser*. In kontro-ezami qalet illi l-incident tax-*shower* kienu semmewh lill-Pulizija pero` t-tifel irnexxilu jahrab 'l hemm. Ix-xarba li s-soltu jixrob it-tfiel hija l-*ice tea* pero` l-Coca gieli xorobha wkoll. It-tifel kien gej lura mil-elzzjoni tad-drma. Hija kienet tlestilu *packed lunch* Tiddubita kellux flus fuqu.

**13. P.S. 839 Stephen Micallef** xehed illi t-tifel qalilhom li meta kien sejjer lura d-dar mil-lezzjoni tad-drama, ghajtitlu persuna, qasam it-triq u mar lejha biex tara xi trid u din il-persuna qabditu minn idejh u dahhlitu go garaxx. Fil-garaxx it-tifel qal li kien hemm zewg karozzi, ritratti tal-Qalb ta' Gesu` u Qalb ta' Marija u xi fliexken li jintuzaw ghall-inbid. It-tifel qal li dan ir-ragel misslu l-partiiet intimi tieghu, hariglu l-parti intima tieghu u beda jilaghqulu u anke jbusu, inkluz il-parti intima. Xi hin ir-ragel hareg il-parti tieghu u "kixiflu rasu". Ix-xhud qal li talab lit-tifel jghidlu minn fejn ghadda, hargu u fi Triq il-Konverzjoni osservaw ragel bilqieghda quddiem xi garaxxijiet. "Hemmhekk it-tifel malli ra lil dan ir-ragel inhasad u ngibed warajja … jiena staqsejtu x'gara u t-tifel qalli li kien dak ir-

ragel li ghamillu dawk l-affarijiet.” Dan kien l-appellant. Baghat lit-tifel lura lejn ommu u x-xhud flimkien ma’ kuntistabbli marru jkellmu lill-appellant li cahad. Talbuh jiftah il-garaxx li kien mikri lilu u li jigi ezatt faccata tar-residenza tieghu. Gewwa stabbilew li l-oggetti li kien semma t-tifel kienu verament hemm. In kontro-ezami qal li meta marru fuq l-appellant il-garaxx kien maghluq u huma staqsewh jifthu. Meta wiegeb li qatt ma kien ra lit-tifel, ix-xhud staqsieh jekk kellux xi gwarnic tal-Qalb ta’ Gesu` u l-appellant rrisponda li kellu. Meta ffaccjat bil-fatt ta’ kif seta’ jispjega li t-tifel kien jaf b’dan il-gwarnic, l-appellant wiegeb li ma jafx. Innega dak li kien qieghed jallega t-tifel.

**14. P.C. 194 Ivan Mifsud** bazikament ikkonferma dak li xehed P.S. 839 Stephen Micallef. Dwar meta marru fuq l-appellant, ix-xhud qal li s-surgent saqsa lill-appellant jekk it-tifel qattx dahal fil-garaxx u “inizjalment l-imputat innega mbaghad, pero`, qal illi hu kien hdejn il-bieb u t-tifel waqt li kien ghaddej irrimarkalu kemm ghandek garaxx kbir u dan filwaqt li waqaf hdejh. Hemmhekk l-imputat stiednu biex jidhol, u dan dejjem skond l-imputat, u hemmhekk it-tifel talbu hamsa u ghoxrin centezmu biex imur jixtri Coca Cola.” Waqt kontro-ezami, ix-xhud qal li t-tifel kien qalilhom li l-appellant kellu riha ta’ xorb u fil-fatt hu seta jxomm din ir-riha fuq il-persuna ta’ l-appellant. Qal ukoll li t-tifel kien semma li l-appellant kien liebes *shorts* kulur fl-ahmar u *T-shirt* ahmar, u dawk huma l-hwejjeg li kien liebes l-appellant. Riprodott in kontro-ezami mistoqsi jekk meta sar ir-rapport ghandu ssemmietx il-kelma *“shower”* wiegeb li le. Qal li meta sar ir-rapport hu kien ma’ P.S. 839. Spjega li kienu rcevew ir-rapport fuq it-telefon.

**15. Is-Supt. Pio Pisani** xehed li kellem lit-tifel “hafif” u rrakkontalu bazikament l-istess affarijiet li qalu x-xhieda l-ohra. Wara ha l-istqarrija ta’ l-appellant flimkien ma’ l-Ispettur Louise Calleja. **L-Ispettur Louise Calleja** xehdet dwar dak li rrizultal meta kellmu lit-tifel u dwar dak li l-appellant waqt l-istqarrija.

**16.** Xehdet ukoll l-ufficjal tal-*probation* **Antonella Spagnol** li esebiet is-*social inquiry report* li hejjiet dwar l-appellant. Mistoqsija jekk l-appellant semmilhiex xi esperjenza li

kellu ma' minuri, wiegbet li kien semmielha okkazjoni fejn kellu relazzjoni ma' tifla minorenni, u dan snin ilu. Mir-rapport jirrizulta illi nhatar Kevin Sammut Henwood sabiex isir *assessment* psikologiku ta' l-appellant.

**17. Kevin Sammut Henwood** ipprezenta r-rapport tieghu u xehed fit-tul dwar ir-rizultanzi. Fir-rapport tieghu jghid illi l-appellant "ma stqarrx li ghandu tendenzi pedofilici u lanqas m'ammetta ghar-reat li jinsab akkuzat bih, ghalhekk ma jistax jigi kkalkolat il-livell ta' riskju li jkun hemm reat sesswali. Ghalhekk biex nikkonkludi r-rapport wiehed irid jinnota li minkejja li forsi jistghu jkunu nnotati certu fatturi li normalment jinstabu f'persuni li kkommettew reati ta' natura sesswali, il-prezenza taghhom biss wahedhom ma jistghux jimplikaw htija."

**18.** Kif jirrizulta mix-xiehda ta' l-ufficjali tal-Pulizija, l-appellant innega maghhom xi agir illecitu mal-minuri msemmi. Din il-Qorti ssaqsi, pero`, jekk skond hu ma ghamel xejn illecitu mat-tifel, x'wasslu biex fl-ewwel lok jinnega li kien jaf lit-tifel jew li t-tifel kien dahal fil-garaxx? Kien meta rinfaccjat b'dettalji ta' x'hemm fil-garaxx u li kien irreferihom lill-Pulizija l-istess minuri meta ammetta li dat-tifel kien fil-fatt dahal fil-garaxx. Mhux hekk biss izda sahansitra qal li t-tifel kien talbu 25c ghal Coca Cola. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jghid li kien x'hin ma tahx dawn il-flus li t-tifel qabad u telaq. Certament, jekk huwa minnu li t-tifel talbu 25c u l-appellant ma tahomlux, din mhijiex raguni biex it-tifel jivvinta storja shiha bhal din dwar dak li jghid li ghamillu l-appellant. L-ewwel Qorti qieset ir-rakkont tat-tifel kredibbli u din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tvarja tali konkluzjoni. Huwa baqa' jsostni l-avvenimenti li graw fil-garaxx ta' l-appellant meta xehed quddiem l-ewwel Qorti u kif huwa rrakkonta lil ommu u lill-Pulizija. Il-fatt li semma lill-Pulizija numru ta' oggetti li kien hemm fil-garaxx u li l-Pulizija sabu li kien minnu jikkorobora l-fatt li t-tifel dahal fl-imsemmi garaxx. Ir-reazzjoni tat-tifel meta kien mal-Pulizija li jinhasad u jingibed wara P.S. 389 tikkonferma sens ta' biza' mill-appellant imnissla minn esperjenza trawmatika.

**19.** Dwar is-sekwestru tal-persuna, il-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40]) meta jkun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid:- “the words ‘arrest’ ‘detention’ and ‘confinement’ are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: ‘Il reato preveduto nell’articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.” (ROBERTI – ibid, para. 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.” Issa, it-tifel xehed li kien l-appellant li waqqfu u kellmu u dahhlu fil-garaxx. Huwa veru li jghid li l-appellant halla l-bieb imbexxaq, izda ma jidhirx li l-agir ta’ l-appellant kien jippermettieh jaqbad u jitlaq.

**20.** Din il-Qorti jkollha tosserva wkoll li l-fatt li l-appellant instab hati anke tar-reat kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ma effettwax il-piena. Difatti fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li fil-konfront ta’ l-artikoli 86 u 87(g) tal-Kap. 9 hija kienet qed tapplika l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 li jipprovdi: **“meta zewg reati jew izjed, li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi.”** F’dan il-kaz ghalhekk il-piena applikabbli u applikata mill-ewwel Qorti hi dik kontemplata fl-artikolu 203 tal-Kap. 9. Il-piena f’dan il-kaz hi ta’ prigunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha, stante li r-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni sar fuq tifel li ma kienx ghalaq it-tnax-il sena (paragrafu (a) tal-*proviso* ta’ l-artikolu 203 tal-Kap. 9). Dan ifisser li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-ligi u din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti ghal dak li hu l-*quantum* tal-piena.

**21.** Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, it-tieni u t-tielet aggravji huma wkoll michuda, u konsegwentement l-appell ma jimmeritax akkoljiment. Naturalment id-Direttur

tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghandu jipprovdi lill-appellant dik l-ghajnuna psikologika u kull kura ohra li talvolta jkollu bzonn l-appellant.

**22.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------